MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 1107/2009

**Josephine *sive* Josette Farrugia nee' Valenzia u Michaela Vella f'isimha proprju u għan-nom u in rappreżentanza ta' Maria Pia Vassallo**

**-vs-**

**Direttur Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-13 ta' Novembru 2009 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

1. Illi r-rikorrenti Josette Farrugia twieldet fl-14 ta' Awissu 1948 u ġiet reġistrata fir-Reġistru Pubbliku bl-isem Josephine u dan kif jidher mill-estratt veru mill-Att tat-twelid tagħha miżmum fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku hawn anness u mmarkat bħala Dok. A;

2. Illi l-isem magħżul għaliha mill-ġenituri tagħha ma kienx Josephine iżda kien Josette, liema isem pero' ma ġiex aċċettat mill-parroċċa fejn kienet mgħammda peress illi ma kienx isem ta' qaddisa u konsegwentement kellha tiġi reġistrata bl-isem Josephine;

3. Illi r-rikorrenti minn dejjem kienet imsejħa u magħrufa bħala Josette u qatt ma wżat l-isem ta' Josephine, u dan kif jidher minn diversi dokumenti annessi bħala Dok G sa Dok V; illi anki l-familja tagħha dejjem użaw l-istem Josette għaliha, kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

4. Illi r-rikorrenti żżewġet lil Joseph Farrugia fit-18 ta' April 1971, u dana kif jirriżulta mill-estratt veru mill-Att taż-Żwieġ relattiv reġistrat fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku, hawn anness u mmarkat Dok. B;

5. Illi r-rikorrenti għandha żewġt itfal, Maria Pia Vassallo nee' Farrugia u Michaela Vella nee' Farrugia u dana kif jirriżulta mill-estratti veru mill-atti tat-twelid relattivi reġistrati fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku, hawn annessi u mmarkati bħala Dok. C u D; illi l-istess ulied tar-rikorrenti huma miżżewġa, kif jirriżulta mill-estratti veru mill-Atti taż-Żwieġ relattivi reġistrati fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku, hawn annessi u mmarkati bħala Dok. E u F;

6. Illi f'uħud mill-atti fuq indikati, u senjatament fl-Att tat-Twelid ta' bint ir-rikorrenti Michaela (Dok. D), kif ukoll fl-Att taż-Żwieġ tal-istess Michaela (Dok. F), ir-rikorrenti hija ndikata bħala *"Josephine known as Josette";*

7. Illi r-rikorrenti tixtieq li, għar-raġunijiet premessi, isimha jiġi reġistrat bħala Josette minflok Josephine fuq l-Att tat-Twelid tagħha u li dan il-bdil jiġi rifless fuq kull att ta' stat ċivili fuq imsemmi;

8. Illi r-rikorrent taf bil-fatti hawn fuq esposti personalment;

9. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni oħra xierqa u opportuna, jgħid l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku, għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara illi l-isem Josette u mhux Josephine, huwa l-isem li bih ir-rikorrenti kienet konsistentement imsejħa;

2. Tordna li ssir il-korrezzjoni meħtieġa fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti Josephine Farrugia nee' Valenzia bir-reġistrazzjoni numru 6834/1948, fis-sens illi fejn jidher l-isem *"Josephine"* u ċjoe' fil-kolonni ntestati *"Ismijiet mogħtijin"* u *"Isem jew ismijiet li bih it-tarbija għandha tiġi msejħa"*, dan jitħassar u minfloku jitniżżel *"Josette";*

*3.* Tordna li ssir il-korrezzjoni meħtieġa fl-Att taż-Żwieġ tar-rikorrenti bin-numru 987/1971, fis-sens illi fejn jidher l-isem *"Josephine"* u senjatament fil-kolonna ntestata *"Isem u Kunjom"* dan jitħassar u minfloku jitniżżel *"Josette";*

*4.* Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet meħtieġa fl-Att tat-Twelid ta' bint ir-rikorrenti Maria Pia Vassallo nee' Farrugia bir-reġistrazzjoni numru 399/1972 fis-sens illi fejn jidher l-isem *"Josephine"* u ċjoe' fil-kolonna ntestata *"Isem u Kunjom"* dan jitħassar u minfloku jitniżżel *"Josette"*, kif ukoll fl-Att taż-Żwieġ tal-istess bint ir-rikorrenti Maria Pia Vassallo nee' Farrugia bin-numru 1152/1997 fis-sens illi fejn jidher l-isem *"Josephine"* u senjatament fil-kolonna ntestata *"Isem u Kunjom il-Missier u Isem, Kunjom u Kunjom Xbubiet l-Omm"* dan jitħassar u minfloku jitniżżel *"Josette";*

5. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet meħtieġa fl-Att tat-Twelid ta' bint ir-rikorrenti Michaela Vella nee' Farrugia bir-reġistrazzjoni numru 5280/1974 fis-sens illi fejn jidher l-isem *"Josephine known as Josette"* u ċjoe' fil-kolonna ntestata *"Isem u Kunjom"* dan jitħassar u minfloku jitniżżel *"Josette"*, kif ukoll fl-Att taż-Żwieġ tal-istess bint ir-rikorrenti Michaela Vella nee' Farrugia bin-numru 300/1998 fis-sens illi fejn jidher l-isem *"Josephine known*

*as Josette"* u senjatament fil-kolonna ntestata *"Isem u Kunjom il-Missier u Isem, Kunjom u Kunjom Xbubiet l-Omm"* dan jitħassar u minfloku jitniżżel *"Josette";*

6. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet meħtieġa fid-dokumenti pubbliċi kollha tar-rikorrenti fis-sens li kull fejn jidher l-isem *"Josephine"* jew *"Josephine known as Josette"*, jitħassar u minfloku jitniżżel *"Josette".*

Bl-ispejjeż kontra l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li huwa minn issa nġunt biex jidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ppreżentata fl-1 ta' Diċembru 2009, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok huwa meħtieġ li talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi *in limine litis* ukoll jidher opportun għall-integrità tal-ġudizzju (speċjalment in vista tat-talbiet numri 4 u 5 tar-rikors ġuramentat) li ulied ir-rikorrenti ossia Maria Vassallo née Farrugia u Michaela Vella née Farrugia jkunu wkoll komparteċipi f'dawn il-proċeduri bħala rikorrenti u dan għaliex parti mill-azzjoni odjerna hija ntiża biex twettaq korrezzjonijiet fl-atti tat-twelid u taż-żwieġ rispettivi tagħhom. Tali żieda fl-okkju tal-kawża għandha tintalab a tenur tal-Artikolu 175(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi subordinatament l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ in kwistjoni huwa jirrimetti ruħu għall-atti probatorji u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

4. Illi madankollu f'dan l-istadju l-esponent umilment jirrileva li d-dokumenti li ġew esibiti mir-rikorrenti flimkien mar-rikors ġuramentat, waħidhom, mhumiex biżżejjed biex jipprovaw li kien hemm bdil ta' isem kif hekk jeżiġi l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk magħdud mal-imsemmija dokumenti r-rikorrenti trid tressaq xhieda affidabbli *viva voce* jew permezz ta' affidavits li għandhom jikkonfutaw it-teżi tar-rikorrenti ossia li tul ħajjitha hi kienet konsistentement msejħa bħala Josette u mhux Josephine;

5. Illi bla preġudizzju għas-suespost, is-sitt talba tar-rikorrenti qegħda tiġi opposta *stante* li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku huwa biss kompetenti għall-atti tal-istat ċivili u kwindi ma jistax jitqies responsabbli għall-atti u d-dokumenti kollha tal-ħajja ċivili tar-rikorrenti;

6. Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi fl-istess verbal tas-seduta tat-2 ta' Gunju 2010 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta'

ismijet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament.

It-talba attriċi hija ġustifikata fis-sens li peress li jirriżulta mill-provi illi l-attriċi tista’ tgħid minn dejjem kien magħruf bl-isem Josette. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għall-iżball (jekk wieħed jista’ jsejjaħlu hekk) u ma għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa’ t-talbiet attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------